Ħbieb,

Din id-darba xtaqt nikteb xi ħaġa dwar viruses.

Fiż-żminijiet ta' llum meta wieħed juża il-kompjuter ma' l-*internet* ikun qiegħed jissogra bis-serjeta li jdabbar xi virus. Dawn ir-riskji qegħdin jikbru kuljum. Illum anki jeħtieġlek tipproteġi l-*online accounts* u l-*files* fil-kompjuter tiegħek. L-Avast *antivirus* jipproteġik meta tkun qiegħed fuq il WWW (world wide web)kontra xi virus, malware, adware u ma semmejtx kollox. X'differenza hemm bejn dan is-*software* malizzjuż kollu?

Qabel, kull tip ta' *software* malizzjuż li kien jattakkalna il-*kompjuter* tagħna konna insejħulu *virus*. Il-lum il-ġurnata għandna ismijiet aktar preċiżi u nistgħu nifirduhom minn xulxin.

1) X'inhu *Malware* ?

*Malware* huwa *software* (programm) li għandu intenzjonijiet ħżiena. Jista jiġi installat minn min ikun qiegħed juża il-*kompjuter* mingħajr ma jinduna jew inkella din il-kwalita' ta' *software* tkun miktuba b'tali mod li jkollu l-abbilta ifittex metodi biex jinfiltra fil-*kompjuter*. Dan mhux xi *software* li jagħmel il-ħsara b'kumbinazzjoni imma jkun intenzjonat biex joħloq problemi fis-sistema tiegħek.

2). X'inhu *Spyware*?

*Spyware* huwa kwalita ta' programm *Malware* illi jinvadi il-*kompjuter* tiegħek u bażikament jispija kif tkun qiegħed tuża il-*kompjuter*. Hemm tipi differenti ta' *spyware* li jiġbru informazzjoni differenti. *Spyware* komuni huwa il *Keylogger*. Dan jirrekordja l-użu tal-*keyboard*. Hawn nies li tilfu l *account details* tagħhom imħabba dan li *spyware*. Kwalita oħra ta' *spyware* hija ddisinjata biex tissindikak kif qiegħed tuża l-*internet* u liema *sites* huma ippreferiti minnek. Dan it-tip ta' *spyware* kapaċi jisraq informazzjoni personali.

3). X'inhu *Adware*?

*Adware* huwa kwalita oħra ta' *malware* li joffrilek software bir-reklami. Dan jista jiġi iddawnlowdjat, u minn xi daqqiet ikun inkluż ġo programmi li tkun tista diddawnlowdjahom b'xejn. Per eżempju, *Windows Live Messenger* u *Yahoo Messenger* għandhom l

*adware*. Xi programmi jsaqsuk jekk tridx tinstallaħ l-*adware* imma oħrajn isibu meżż kif jinkludu dan l-*adware* bla permess.

4). X'inhu *Virus*.

Il *virus* huwa programm zgħir maħluq biex jinfetta, joħloq żbalji, jikkraxxjalek il *kompjuter* u jista wkoll jagħmillek ħsara fil-*hardware*. Virus jista jigber u jimmoltiplika ruħu. Jista jivvjaġġja minn *kompjuter* għall-ieħor permezz ta' l-*internet*. Tista tiġi infettat ukoll minn *disks* għax ikollom *files* ġa infettati fihom. Pero l-aktar ħaġa komuni biex *kompjuter* jiġi infettat huwa permezz ta' l-*internet*. Sintomi komuni ta' *virus* huwa meta il-*virus* jibda jibgħat ħafna e-mails lill ħbieb tiegħek mingħajr ma inti tkun taf. Sintomu ieħor, tibda taqbad ma *websites* li inti ma tkunx għażilt. Gieli wkoll tibda tirċevi messaġġi li għandek *virus* u tiġi mitlub biex tiddawnlowdja xi *files* minn fuq l-*internet* biex toqtol il *virus*.

Hemm ħafna u ħafna x'tikteb fuq il *viruses* u dan li għadni kemm ktibt u sempliċiment qatra zgħira ta' informazzjoni.

Qabel inħallikom, nixtieq nejdilkom b' site li fiha aktar informazzjoni fuq il-*viruses*, din hija: http://www.microsoft.com/security/pc-security/virus-whatis.aspx

Saħħa lill-kulħadd.

John Felter.